**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika Ta' Malta**

**-vs-**

**Man Bahadur Ghale, detentur tal-Karta tal-Identità numru 0407497A**

*Kumpilazzjoni Nru. 969/2024*

Illum, 17 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Man Bahadur Ghale** u ċioè talli:

B'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli f'xi ħin nhar il-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi, u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna, liema serq sar għad-dannu ta' Rita Wirth u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

2. Talli f'xi ħin nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu ta' Claudine Mallia u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;
3. Talli f'xi ħin nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra

fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu ta' David Raphael Busuttil u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

4. Talli f'xi ħin nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu ta' Marco Moriondo u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

5. Talli f'xi ħin nhar it-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu ta' Marco Moriondo u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

6. Talli f'xi ħin nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu ta' Sharon u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

7. Talli f'xi ħin nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu ta' Ramon Azzopardi u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

8. Talli f'xi ħin nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu ta' Simone Azzopardi u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

9. Talli f'xi ħin nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' Roger Calleja u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

10. Talli f'xi ħin nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-valur li ma jeċċedix elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u

sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema serq sar għad-dannu ta' John Naudi u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

11. Talli f'xi ħin nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu Claire Hawkins u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

12. Talli f'xi ħin bejn id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u l-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu Jonathan Harmsworth u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

13. Talli f'xi ħin nhar id-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu Ronald Cauchi u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

14. Talli f'xi ħin nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu Diandra Farrugia u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

15. Talli f'xi ħin nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu Simon Camilleri u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

16. Talli f'xi ħin nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa PB Group, Triq Ħal Farruġ, Siġġiewi u/jew bnadi oħra fil-gżejjer ta' Malta ikkommettejt serq flus u/jew oġġetti liema serq hu aggravat bil-persuna liema serq sar għad-dannu John Naudi u/jew persuna/i oħra u/jew entita'/entitajiet oħra;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża, u ċioe' ta' Rita Wirth, Claudine Mallia, David Raphael Busuttil, Marco Moriondo, Sharon, Ramon Azzopardi, Roger Calleja, Claire Hawkins, John Naudi, Jonathan Harmsworth, Ronald Cauchi, Diandra Farrugia, Simon Camilleri u l-familjari tiegħu jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija toħroġ ordni ta' protezzjoni

kontra l-imputat Man Bahadur Ghale skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi u l-familjari tagħhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 532A tal- Kapitoli 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, tapplika il-provvedimenti tal-artikolu 532B, 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-karattru refrattiv tiegħu w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ, senjatament li qabel ma nbdew dawn il-proċeduri diġà kienu ġew ritornati ammont ta' flus sabiex jingħaddu lid-derubati, filwaqt li l-kumplament huma miżmuma mill-*employer* tiegħu sabiex jintraddu lura wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 261(c)(d), 267, 268(a), 279(a), 280(1) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, tikkundannah għal **sena (1) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed tiġi sospiża għall-tmintax (18) il-xahar millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali qed tordna lil ħati jirrestitwixxi l-flejjes misruqa minnu lid-derubati fi żmien sitt xhur millum.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**